

# *Suppliment*

## *Milied 2009*

**Nifirħu bit-tarbija;**
**niftakru wkoll fl-omm!**

Kemm hi festa kbira u qaddisa l-Milied! Fiha nfakkru t-twelid tal-Feddej tagħna Ġesù Kristu.

Kif jiġri f'kull twelid, l-attenzjoni ta' kulhadd iddur fuq it-tarbija li tkun għadha kif twieldet. Dawk preżenti ħallihom jibdew iqabblu t-tarbija mal-familjari tagħha - tixbaħ lill-omm; imma għandha mill-missier; se tkun bjonda u tant paraguni oħra.

F'okkażjonijiet bħal dawn, hi ħasra li l-omm ma tingħatax l-apprezzament li jistħoqqilha.

Fit-Twelid ta' Ġesù, tajjeb li, barra li nifirħu bis-Salvatur tagħna Ġesù, indawru ħarsitna wkoll lejn dik li ġabitu fid-dinja - Ommu Marija.

Nhar il-Milied twettaq dak li ħabbar l-Anġlu Gabriel lil Marija meta dehrilha f'Nazaret disa' xhur qabel. Dik il-famuża 'iva' tal-Verġni Mbierka li qalet lill-Anġlu fissret li seħħet il-wegħda t'Alla li kien għamel ħafna, ħafna snin qabel lil Adam, lil Eva u lis-Serp.

Għalhekk, meta qalbna tkun imħeġġa bl-imħabba lejn it-Tarbija Ġesù li ġie fostna biex jifdina u jsalvana, niftakru f 'Marija li, b'fiduċja sħiħa f'Alla l-Missier, tat lid-dinja 'l Alla l-Iben magħmul bniedem.

Ejjew naslu għand Ġesù permezz ta' Marija.

# Il-Milied hu okkażjoni ideali



Ir-Re Alfonso XIII ta' Spanja tilef lil missieru meta kien għadu tifel żgħir. Mill-mewt ta' missieru ħadet ħsiebu ommu, ir-Regina Maria Kristina. Meta kellu seba' snin, u kien qiegħed joqrob il-Milied tas-sena 1893, il-Prinċep poġġa ż-żarbun ċkejken tiegħu fil-ħoġor tat-tieqa, kif hi l-użanza fi Spanja, biex jirċievi seba' rigali mingħand is-Slaten Maġi. Iżda, l-għada filgħodu, il-Prinċep żagħżugħ sab nota fiż-żarbun tiegħu, li kienet tgħid hekk,

"Lill-maħbub tagħna, il-maestà tiegħu futur Re ta' Spanja. Int qiegħed tistenna rigal, u rigal sabiħ li jixraqlek, rigal li jafu jagħtu r-rejiet lil xulxin. Iżda aħna se nħalluk mingħajr rigal apposta, għax nixtiequk iġġarrab ftit diżappunt u tifhem kif tista' tħejji ruħek l-aħjar għall-Milied.

Tajjeb li r-Re wkoll ikollu d-diżappunti, għax b'hekk jasal li jħoss kemm ibatu s-sudditi meta jiġu mġiegħla jagħmlu dak li ma jkunux jixtiequ jagħmlu. Huwa għandu jkun jaf x'ifisser li tkun diżappuntat għax ikun ghadda minnu hu stess.

Meta inti ssir raġel u ma jkun jonqsok xejn, tinsa qatt kemm hawn nies fid-dinja li jonqoshom kollox għax m'għandhom xejn. Agħti kashom u agħmel mill-aħjar biex tgħinhom kemm jista' jkun.

Il-Milied hu l-okkażjoni ideali biex tilħaq lil dawk li jonqoshom ħafna bżonnijiet: ikel, kenn, mogħdrija, imħabba ..."

Din in-nota, li suppost inkitbet mis-Slaten Magi, fil-fatt kitbitha r-Regina Omm biex tgħin lil binha jikber u jimmatura.

# Inti nsejtu wkoll?



Kien hemm tifel żgħir jismu Patrick. Darba, lejliet il-Milied, *Father Christmas* tah karozza ċkejkna bħala rigal. Iċ-ċkejken Patrick tgħidx kemm feraħ biha u beda jġorrha miegħu kull fejn imur.

Nhar il-Milied, ommu ħaditu magħha l-knisja. Kif ma setax jonqos, Patrick ħa l-karozza miegħu. Ħa gost iħares lejn Ġesù Bambin u lejn il-Madonna u San Ġużepp. Kollu kurżità, Patrick beda jħaress madwaru biex jara jekk *Father Christmas* kienx ġab rigal lill-Bambin ukoll. Meta ma lemaħ xejn, dar lejn Ommu u staqsieha: "Ma, dan għaliex il-Bambin m'għandux rigal tal-Milied?"

Ommu qaltlu: "Għax ommu Marija kienet mara fqira u ma setgħetx tixtrilu rigal." Iżda Patrick deher li ma kienx kuntent b'din it-tweġiba, u wara ftit mumenti li qagħad jaħseb qalilha, "Allura *Father Christmas* insieh ukoll? Ġesù Bambin mhux dejjem kwiet joqgħod?" Hawn ommu m'għarfitx twieġbu u baqgħet tħares lejn binha iċċassata.

Meta ra li ommu ma qalet xejn, Patrick resaq lejn il-grotta u ħdejn il-Bambin poġġa l-karozza ċkejkna tiegħu (li tgħidx kemm kienet għal qalbu) ma' ġenb il-Bambin u qallu: "Bambin Ġesù illum il-festa tiegħek, u għandu jkun lilek kulħadd insiek. Inti żgur li ħaqqek rigal daqskemm toqgħod kwiet u bil-għaqal. Ġesù, ħu dan ir-rigal li ġabli *Father Christmas* għax milli jidher lilek insiek."

Inti insejtu wkoll?

X'rigal ser tagħti lil Ġesù Bambin f'dan il-Milied?

***It is Christmas in the heart that puts Christmas in the air.***

*W.T. Ellis*



# Ħsibijiet quddiem il-presepju

Fil-ġranet sbieħ tal-Milied, itfi d-dawl u ersaq lejn il-presepju mixgħul bid-dawl ħelu tiegħu. Ieqaf, ħares u aħseb:

- Alla jħobb jagħtina rigali kbar moħbija fi ħwejjeġ żgħar - Ibnu, sid is-sema u l-art - daqsxejn ta' tarbija.

- Alla tagħna jħobb liċ-ċkejknin u lill-umli - belt ċkejkna, rgħajja, għar fqajjar, skiet tal-lejl.

- Alla jħobb tassew lid-dinja - bagħtilna lill-istess Iben waħdieni tiegħu ċkejken tarbija.

- Alla jwasslilna l-aħbar it-tajba, imma rridu aħna li naċċettawha! Erodi sema' li twieled is-Sultan iżda ma laqax din l-aħbar ta' ferħ.

- Ftakar li dak il-presepju jindika l-art li fiha twieled Ġesù. Itlob biex il-paci li ħabbru l-anġli fl-aħħar isseħħ hemm ukoll.

Ħalli dawn il-ħsibijiet u oħrajn bħalhom jimtlew il-waqtiet siktin quddiem il-presepju tiegħek. Il-Milied jistedinna nkomplu mill-aħjar li nistgħu, inħarsu 'l quddiem b'fiduċja, tama, kuraġġ u ottimiżmu.

Nistennew it-tama hienja u d-dehra tas-sebħ tal-Kbir Alla u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Dan hu l-ispirtu tal-Milied Nisrani. Iva, Milied ta' ferħ, ta' hena li jimla l-qalb, u jibqa' s-sena kollha. Milied li jżommna dejjem bi tbissima, bil-ferħ u l-paċi f'qalbna, fil-familja u kullimkien.

*Nixtiequ nirringrazzjaw ħabib tagħna li ġentilment offra l-ispejjeż ta' dan is-Suppliment tal-Milied 2009. Nitolbukom tinagħqdu magħna fit-talb għar-ruħ il-mamà tiegħu f'għeluq l-14-il sena mill-mewt tagħha. Grazzi.*

***Id-Direzzjoni***